



Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10114/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonalni:
2025/0165 (NLE)

AELE 47
MI 374
FL 22
ISL 23
N 31
ENER 241

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 311 annex
Sugġgett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem I-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (EPBD)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 311 - Annex.

Mehmuż: COM(2025) 311 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 311 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE
(EPBD)**

MT

MT

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

Li temenda I-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija¹ jenħtieġ li tīgħi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Istati tal-EFTA mhumiex inklużi fil-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 skont id-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2001. Konsegwentement, l-Istati tal-EFTA jenħtieġ li ma jispeċifikawx kif jikkontribwixxu għall-kisba tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni fl-istrateġiji fit-tu rispettivi tagħhom fl-Artikolu 2a(2).
- (3) Minħabbat l-ispeċifitajiet tal-istokk tal-bini relativament, reċenti u uniformi tal-Iż-żlanda, hemm qbil dwar l-eżenzjoni temporanja u kondizzjonali mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika għad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018. L-eżenzjoni jenħtieġ li tkun strettament limitata fiż-żmien u jenħtieġ li tapplika biss sakemm id-Direttiva (UE) 2024/1275 dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (riforħulazzjoni) tkun ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IV tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-Punt 17 (id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (i) jiżdied dan li ġej:
“, kif emendat bi:
- **32018 L 0844:** Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75).”;

¹ ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75.

- (ii) l-adattament (d) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala adattament (g); l-adattament (c) huwa nnumerat mill-ġdid bħala l-adattament (e); l-adattament (b) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala adattament (c);
 - (iii) l-adattament li ġej għandu jiddaħħal wara l-adattament (a):
 - “(b) Fl-Artikolu 2a(2), il-kliem “, u jispeċifikaw kif jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni f’konformità mad-Direttiva 2012/27/UE” ma għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.”;
 - (iv) l-adattament li ġej għandu jiddaħħal wara l-adattament (c):
 - “(d) “Fl-Artikolu 8:
 - (i) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘, jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, sa [ħames snin] wara d-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'... [din id-Deċiżjoni]’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘1 ta’ Jannar 2025’;
 - (ii) fil-paragrafu 6, il-kliem ‘jew, jew fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, sena wara d-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'... [din id-Deċiżjoni]’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘10 ta’ Marzu 2021’.”;
 - (v) l-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (e):
 - “(f) Fl-Artikoli (14)4 u 15(4), il-kliem ‘, jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, ħames snin wara d-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'... [din id-Deċiżjoni]’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘2025’.”.
2. Dan l-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 24 (id-Direttiva (UE) 2012/27 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
- “- **32018 L 0844:** Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75).”

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva (UE) 2018/844 bil-lingwa Iż-żiż-żgħad u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-[...], dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE^{2*}, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' [...]³ [li tinkorpora {id-Direttiva 2012/27/UE} fil-Ftehim ŻEE], skont liema data tkun l-iż-żejjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment tiegħi dwar iż-ŻEE.

² * [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonal.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonal.]

³ ĠU L ...

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE

[...]

Dikjarazzjoni mill-Gvern tal-Iżlanda

għad-Deċiżjoni Nru [...] li tinkorpora d-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

L-Iżlanda tesprimi l-impenn tagħha li taħdem biex tivvaluta l-inkorporazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni) fil-Ftehim ŻEE.

L-Iżlanda ma implementat l-ebda verżjoni preċedenti tal-acquis tal-UE dwar il-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini. Il-karatteristiċi uniċi tal-Iżlanda, bħal stokk tal-bini relativament reċenti u uniformi, l-użu estensiv tat-tiġi rinnovabbli, u l-kundizzjonijiet klimatiċi li jvarjaw sostanzjalment minn ħafna Stati Membri tal-UE jitkolbu valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva u ta' kwalunkwe adattament meħtieġ għall-implementazzjoni tagħha fl-Iżlanda. Barra minn hekk, kwalunkwe implementazzjoni tad-Direttiva se teħtieġ l-iżvilupp ta' qafas leġiżlattiv kompletament ġdid fl-Iżlanda.